

Brussell, 22 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5565/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0022 (BUD)**

FIN 56

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 30 final
Suġġett:	Abbozz ta' baġit emendatorju nru 1 għall-baġit ġenerali 2021: Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 30 final.

Mehmuż: COM(2021) 30 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2021
COM(2021) 30 final

2021/22 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 1
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2021**

Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, kif adottat fit-18 ta' Diċembru 2020²,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1 tal-baġit tal-2021.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Indivdwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>).

¹ ĠU L 193, 30.7.2018.

² ĠU L XX, xx.3.2021.

Werrej

1. INTRODUZZJONI.....	3
2. STABILIMENT TAR-RIŻERVA TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-BREXIT.....	3
3. FINANZJAMENT.....	4
4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	5

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-Riżerva) fil-25 ta' Diċembru 2020³ tippredvi l-istabbiliment ta' Riżerva fi ħdan l-istrumenti tematiċi speċjali barra mil-limiti massimi tal-baġit tal-UE tal-qafas finanzjarju pluriennali "biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi mhux previsti u negattivi fl-Istati Membri u s-setturi li huma l-aktar affettwati" mill-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u b'hekk jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 1 għas-sena 2021 huwa li jdaħħal fil-baġit annwali tal-Unjoni 2021 EUR 4 244 832 000 fi prezzijiet attwali (EUR 4 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018), kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' prefinanzjament li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit fl-2021. Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tar-Riżerva jammontaw għal EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 (EUR 5 370 994 000 fi prezzijiet attwali)

2. STABILIMENT TAR-RIŻERVA TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-BREXIT.

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-21 ta' Lulju 2020⁴, l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali fis-17 ta' Diċembru 2020⁵ u l-adozzjoni tal-baġit tal-UE għall-2021 fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għall-istrument rilevanti meħtieġ biex tiġi operazzjonalizzata r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit⁶, bil-ħsieb li jiġi żgurat li ammont suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ikun jista' jsir disponibbli għall-mobilizzazzjoni fis-sena finanzjarja 2021 mingħajr dewmien. Wara l-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit fil-25 ta' Diċembru 2020, dan l-ABE jipproponi li jdaħħal fil-baġit tal-UE għall-2021 l-impatt baġitarju tar-Riżerva għas-sena 2021.

Mal-adozzjoni tar-Regolament, l-appoġġ se jiġi żborżat f'żewġ ċikli ta' allokkazzjoni. L-ewwel ċiklu — kopert minn dan l-ABE — se jitħallas fl-2021 fil-forma ta' prefinanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 115(2), punt (b)(i), tar-Regolament Finanzjarju, fejn ġie stabbilit ammont għal kull Stat Membru abbażi ta' kriterju ta' allokkazzjoni li jqis il-grad relattiv ta' integrazzjoni ekonomika mar-Renju Unit, inkluż il-kummerċ fi prodotti u servizzi, u l-implikazzjonijiet negattivi fuq is-settur tas-sajd tal-UE. Il-kriterji tal-allokkazzjoni għall-prefinanzjament li għandhom jithallu mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness I tal-proposta għar-Riżerva. It-tieni ċiklu se jiġi attivat fl-2024 wara l-approvazzjoni tal-prefinanzjament u l-kalkolu tal-ammonti addizzjonali dovuti lill-Istati Membri mir-Riżerva, fejn eliġibbli. L-approprjazzjonijiet korrispondenti għalhekk se jiżdiedu mar-Riżerva fil-kuntest tal-abbozz tal-baġit tal-2024.

Il-proposta għal Regolament tippredvi li huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw flessibilità u b'mod partikolari li l-Kummissjoni titħalla tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament li tipprovdi l-prefinanzjament mingħajr l-obbligu skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju li tipprovdi deskrizzjoni tal-azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu ffinanzjati.

F'konformità mal-premessa 11 u l-Artikolu 4(3) tal-proposta għal Regolament, il-Kummissjoni titlob li tagħmel disponibbli EUR 4 244 832 000 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll

³ COM(2020) 854 final.

⁴ EUCO 10/20

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura 2021 sa 2027, ĠU L 4331, 22.12.2020

⁶ Il-fehim komuni dwar il-kontenut tal-baġit għall-2021, ibbażat fuq l-Abbozz ta' Elementi ta' Konklużjonijiet Konġunt Nru 4 kif ippreżentat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2020, mill-huq mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-4 ta' Diċembru 2020.

f'approprjazzjonijiet ta' pagament biex tkopri l-ħtiġijiet ta' prefinanzjament tar-Riżerva. Dan l-ammont se jiddaħħal bħala dispożizzjoni fl-istennija tal-adozzjoni finali tar-Regolament.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagamenti
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
30 04 03	Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)	4 244 832 000	4 244 832 000
Total		4 244 832 000	4 244 832 000

Ladarba r-Regolament dwar il-BAR jiġi adottat b'mod definittiv, l-approprjazzjonijiet jiġu ttrasferiti mingħajr dewmien mill-artikolu ta' riżerva "30 04 03" għall-artikolu baġitarju "16 02 03". Il-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Riżerva lil Stat Membru għandha tiġi implimentata fil-qafas ta' ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju.

3. FINANZJAMENT

Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit hija waħda mill-istrumenti tematiċi speċjali fi ħdan ir-Regolament QFP 2021-2027⁷. L-approprjazzjonijiet relatati għalhekk jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP 2021–2027.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, ĠU L 433I, 22.12.2020

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

	Baġit 2021		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1/2021		Baġit 2021 (inkluż ABE 1/2021)	
	CA	AP	CA	AP	CA	AP
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20 816 559 767	17 191 587 232			20 816 559 767	17 191 587 232
<i>Limitu</i>	<i>20 919 000 000</i>				<i>20 919 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>102 440 233</i>				<i>102 440 233</i>	
2. Koeżjoni u Valuri	52 861 898 534	66 153 765 904			52 861 898 534	66 153 765 904
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>76 382 534</i>				<i>76 382 534</i>	
<i>Limitu</i>	<i>52 786 000 000</i>				<i>52 786 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>484 000</i>				<i>484 000</i>	
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	48 190 516 000	61 867 897 545			48 190 516 000	61 867 897 545
<i>Limitu</i>	<i>48 191 000 000</i>				<i>48 191 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>484 000</i>				<i>484 000</i>	
2b. Reżiljenza u valuri	4 671 382 534	4 285 868 359			4 671 382 534	4 285 868 359
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>76 382 534</i>				<i>76 382 534</i>	
<i>Limitu</i>	<i>4 595 000 000</i>				<i>4 595 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	58 568 566 908	56 804 203 452			58 568 566 908	56 804 203 452
<i>Limitu</i>	<i>58 624 000 000</i>				<i>58 624 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>55 433 092</i>				<i>55 433 092</i>	
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 367 954 000	40 353 742 883			40 367 954 000	40 353 742 883
<i>Sottolimitu massimu tal-FAEG</i>	<i>40 925 000 000</i>				<i>40 925 000 000</i>	
<i>Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni</i>						
<i>Trasferimenti nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	<i>557 046 000</i>				<i>557 046 000</i>	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	<i>40 367 954 000</i>				<i>40 367 954 000</i>	
<i>Sottomarġni tal-FAEG</i>						
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	2 278 829 759	2 686 245 978			2 278 829 759	2 686 245 978
<i>Limitu</i>	<i>2 467 000 000</i>				<i>2 467 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>188 170 241</i>				<i>188 170 241</i>	
5. Sigurtà u Difiża	1 709 261 441	670 628 243			1 709 261 441	670 628 243
<i>Limitu</i>	<i>1 805 000 000</i>				<i>1 805 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>95 738 559</i>				<i>95 738 559</i>	
6. Il-Viċinat u d-Dinja	16 097 196 204	10 810 999 356			16 097 196 204	10 810 999 356
<i>Limitu</i>	<i>16 247 000 000</i>				<i>16 247 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>149 803 796</i>				<i>149 803 796</i>	
7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10 448 313 002	10 449 588 091			10 448 313 002	10 449 588 091
<i>Limitu</i>	<i>10 635 000 000</i>				<i>10 635 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>186 686 998</i>				<i>186 686 998</i>	
li minnhom: Nefqa amministrattiva istituzzjonijiet	8 035 824 720	8 037 099 809			8 035 824 720	8 037 099 809
<i>Sottolimitu</i>	<i>8 216 000 000</i>				<i>8 216 000 000</i>	
<i>Sottomarġni</i>	<i>180 175 280</i>				<i>180 175 280</i>	
Appropriazzjonijiet għall-intestaturi	162 780 625 615	164 767 018 256			162 780 625 615	164 767 018 256
<i>Limitu</i>	<i>163 483 000 000</i>	<i>166 140 000 000</i>			<i>163 483 000 000</i>	<i>166 140 000 000</i>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>76 382 534</i>	<i>628 462 086</i>			<i>76 382 534</i>	<i>628 462 086</i>
<i>Marġni</i>	<i>778 756 919</i>	<i>2 001 443 830</i>			<i>778 756 919</i>	<i>2 001 443 830</i>
Strumenti tematiċi speċjali	1 470 835 000	1 293 450 000	4 244 832 000	4 244 832 000	5 715 667 000	5 538 282 000
Total tal-appropriazzjonijiet	164 251 460 615	166 060 468 256	4 244 832 000	4 244 832 000	168 496 292 615	170 305 300 256